# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **6 TA' JANNAR 2019**

**Stedina lill-Koppji li żżewġu matul is-sena li għaddiet**

Illum, is-Sibt 5 ta' Jannar 2019 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, Mons. Arcisqof se jiltaqa' personalment mal-koppji li żżewġu matul is-sena li għaddiet. Il-quddiesa tibda fil-5.30pm.

**Is-Seminarista Jean-Claude Schembri**

Il-Ħadd 6 ta' Jannar 2019, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:15am, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta ser jilqa' lis-Seminarista Jean-Claude Schembri mill-Parroċċa ta' Santa Katarina V.M., iż-Żejtun u li qed jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna flimkien ma' tliet seminaristi oħra bħala kandidati għas-saċerdozju. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 8 ta' Jannar 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Patri Wistin Born**.

**Għaqda Nisa Sant'Anna u Caritas Social Club**

It-Tnejn 7 u t-Tlieta 8 ta' Jannar 2019 fid-9:30am jerġu jibdew il-gruppi l-Għaqda Nisa Sant'Anna u l-Caritas Social Club fis-Sala Sant'Anna.

**Mother and Baby Club**

L-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 fid-9:30am jerġa' jibda l-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna**

L-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 l-Għaqda Mużikali San'Anna ser torganizzaw *Coffee Morning.*

**Ejjew Għandi**

Il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa 'Ejjew Għandi' mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta' Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall-fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Il-Magħmudija tal-Mulej**

Il-Ħadd 13 ta' Jannar 2019 hija l-festa tal-Magħmudija ta' Ġesù, li fiha niftakru wkoll fil-jum tal-Magħmudija tagħna. Aħna lkoll ġejna mgħammdin, ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dar-rigal billi nistednukom bħala familja għall-quddiesa li fiha ser inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna.

**Magħmudija Komunitarja**
Il-Ħadd 13 ta' Jannar 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Il-Ħadd 13 ta' Jannar 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Kors ta' Kana**
Il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2019 fis-Sala Sant'Anna fis-7.30pm jibda l-Kors ta' Kana għall-għarajjes.

**Stedina lill-Koppji għarajjes**
Is-Sibt 19 ta' Jannar 2019 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, Mons. Arċisqof se jiltaqa' personalment mal-koppji għarajjes li ser jiżżewġu din is-sena. Il-quddiesa tibda fil-5:30pm.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 22 ta' Jannar 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq ir-Roża u Triq l-Isfar**.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Fuljett 'Flimkien'**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Jannar 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Camino f'Santiago fi Spanja**
Il-Parroċċa qed torganizza mixja pellegrinaġġ bi skop spiritwali fi Spanja, bejn il-31 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu 2019, wara l-Festa ta' Sant'Anna. Din il-mixja hi waħda mill-eqdem pellegrinaġġi li jsiru kull sena u li twassal sal-Katidral ta' San Ġakbu l-Kbir f'Santiago fi Spanja. Kull sena jieħdu sehem mijiet ta' persuni ta' kull età minn kull naħa tad-dinja. Għal aktar informazzjoni ser issir laqgħa nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar fis-7pm fis-Sala Sant'Anna.

Sadanittant nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar ser nibdew b'mixja ta' preparazzjoni li tiltaq minn fuq iz-zuntier fis-7pm u niġu lura fit-8pm. Kulħadd mistieden jingħaqad magħna.